**Ħabibi tat-tbissima**

Niftakarni ndur bil-karru
Fis-sala, kif iltajt miegħek,
U t-tnejn li aħna inġbiddna
Mal-ewwel sirt ħabib tiegħek.

Ħassejt fija qalbek kbira
Ċajtiera u ħielsa kemm trid,
Avolja kellek piż x'terfa'
Mma qalbek bl-imħabba iżżid.

Jum wara jum bdejna miexja
Nitħaddtu flimkien ma' xulxin,
Ħabbejnieha l-kumpanija
Kemm konna nkunu ferħanin.

Għax dik l-imħabba ħabibi
Li tiġborna minn kullimkien,
Jekk hux familja jew kunvent
l-aqwa li sserraħna fis-sliem.

U bejn xi ċajta w quddiesa
U talba ċkejkna ma tonqosx,
O ħabib kemm int wennistni
Bil-ferħ tiegħek li ma jonqosx.

U issa li int ma' Leli
Li tiegħu kollha li l-ġenna,
Nitolbok għaddieli kelma
Biex qalbi tibqa' tithenna.

U mal-kbir Ġużeppi tagħna
Qaddis kbir, sieket u sinċier,
Jekk fis-sema jtuk karozza
Ħudu dawra int ta' xufier.

Ħabib u ħija tant umli
Thenna fil-ġenna f'tant qima,
Int lil Kristu tant ħabbejtu
Strieħ ħabibi tat-tbissima.

Patri Mario Attard OFM Cap
28 t'Awwissu 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.